MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Mandat Numru. 1096/2013/1

**Avukat Dottor Kevin Dingli bhala mandatarju tas-socjeta` estera Falcon Eye International Limited, registrata BVI numru ta' registrazzjoni 1585317**

**vs**

**Cyprus Popular Bank Public Co Ltd. socjeta` estera registrata Cipru bin-numru ta' registrazzjoni EE20652.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ipprezentat fl-24 ta' Lulju 2013.

Rat id-digriet tal-24 ta' Lulju 2013, fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-22 ta' Awwissu 2013 u ordnat in-notifika tal-istess

rikors lill-kontro-parti b'ghoxrin gurnata (20) zmien ghar-risposta.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili fejn gie kkonfermat li l-atti Rogatorji tal-Mandat odjern gew mghoddija lill-Avukat Generali sabiex jigu notifikati lis-socjeta` estera intimata.

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Awwissu 2013, tal-5 ta' Settembru 2013, tas-16 ta' Settembru 2013 u tat-3 ta' Ottubru 2013.

Rat il-verbal tal-15 ta' Ottubru 2013 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li r-rikors odjern kellu jigi trattat kontestwalment mal-Mandat 1095/2013 u 1097/2013.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata tal-15 ta' Ottubru 2013 fejn opponiet ghat-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2013, fejn, meta ssejjah ir-rikors dehru Dr. Kevin Dingli u Dr. Carmel Chircop ghar-rikorrenti, u Dr. Nicolai Vella Falzon rapprezentant ghall-Bank intimat. Prezenti ghal kull bwon fini Dr. Aldo Vella u Dr. Paul Debono ghal Lombard Bank. Id-difensuri trattaw ir-rikors. Ghal kull bwon fini d-difensuri tal-partijiet qablu li z-zmien tad-decizjoni jigi estiz sal-5 ta' Novembru 2003. Il-Qorti laqghet it-talba.

Rat li fis-seduti premessi dehru wkoll rapprezentanti tal-Lombard Bank Malta plc ghal kull bwon fini.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Ikkonsidrat li d-difensuri tal-partijiet qablu li ssir trattazzjoni wahda applikabbli ghat-tliet rikorsi pendenti quddiem din il-Qorti ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ilkoll fl-istess ismijiet u cioe`, dak odjern, rikors ghall-hrug ta' Mandat numru 1095/2013 u rikors ghall-hrug ta' Mandat numru 1097/2013 u li d-dokument esebit li huwa riferenza ghall-sentenza tal-Qorti Suprema ta' Cipru fl-atti tal-Mandat 1095/2013 kellu japplika ghat-tliet rikorsi.

Ir-rikors gie differit ghall-digriet *in camera.*

**Ikkunsidrat**

Permezz ta' din it-talba, ir-rikorrent, ghan-nom tas-socjeta` **Falcon Eye International Limited,** socjeta` registrata fl-esteru, qed jitlob sabiex il-Bank intimat jigi inibit milli jinnegozja, ibiegh, jittrasferixxi jew b'xi mod jassenja l-ishma u l-interessi li huwa ghandu registrat f'ismu fis-socjeta` **Lombard Bank Malta p.l.c.**, bin-numru ta' registrazzjoni C1607. Ir-rikorrent fil-kwalita` tieghu premessa, qed jitlob il-hrug ta' dan il-mandat in kawtela ta' talba gudizzjarja li pprezenta kontra l-Bank intimat quddiem il-Qorti Ciprijotta (**Dokti. A u B** annessi mar-rikors) rigward il-fondi li kellu depozitati fl-istess bank intimat u danni soferti.

Il-Bank intimat qed jopponi ghal hrug ta' dan il-mandat billi jikkontendi li ma jirrikorrux l-elementi mehtiega skont il-Ligi ghall-hrug tieghu.

**Il-Fatti tal-Kaz**

Is-socjeta` rikorrenti **Falcon Eye International Limited** kellha somom depozitati f'diversi kontijiet bankarji fil-Bank intimat, ukoll maghruf bhala *Laiki Bank* f'ammonti li jeccedu €100,000.

B'effett ta' "*The Resolution of Credit and Other Institutions Law 2013"* li dahlet fis-sehh in segwitu ghall-ftehim milhuq bejn il-Gvern Cipriot u l-*Eurogroup, (bailout agreement)*. Permezz ta' din il-Ligi, Cyprus Popular Bank Public Co Ltd tqeghdet f'rizoluzzjoni u dawk id-depoziti li jeccedu l-ammont garantit ta' €100,000 gew *bailed in*, cioe` ittiehdu mill-kontijiet bankarji minghajr il-kunsens jew volonta' tad-depozitanti, fosthom Falcon Eye International Limited.

Kif gie spjegat f'affidavit esebit mis-socjeta` rikorrenti[1], konsegwenzjali ghall-mizuri implementati mill-legislazzjoni msemmija hija "*The split of Laiki Bank into a good and*

[1] Affidavit tal-Avukat George Zambartas a fol. 23-27 tal-process.

*bad bank, the 'good bank' has merged with Bank of Cyprus and the 'bad bank' will be eventually wound up......All other deposits exceeding €100,000 remain in the 'bad' Laiki bank and have been levied from the accounts of Laiki Bank depositors without any prior notice or warning."*

Ukoll meta l-Bank tqieghed taht il-procedura ta' rizoluzzjoni, gie appuntat *"Special Administrator"* biex jamministra l-assi tal-Bank ghalkemm il-Bank ghadu m'huwiex f'likwidazzjoni formali. L-amministratur ser jiehu hsieb il-bejgh tal-assi tal-Bank sabiex dawn jigu distribwiti *pro rata* bejn il-kredituri kollha skont prijorita` jew *ranking* li ghad trid tigi stabbilita (ara affidavit tal-Avukata Maria Loannou a fol.33).

Jirrizulta mhux ikkontestat li *Falcon Eye International Limited* issubiet telf ta' €10,066,157.42 peress li din is-somma ttiehdet mill-kontijiet bankarji taghha bl-applikazzjoni tal-mizuri msemmija.

Falcon Eye International Limited sussegwentement istitwiet proceduri fid-*District Court* ta' Nicosia, Cipru, fl-ismijiet "***Falcon Eye International Limited -v- 1. Cyprus Popular Bank Public Co. Ltd., 2. Andri Ioannidou in her capacity as Special Administrator of the Cyprus Popular Bank Public Co. Ltd., 3. Central Bank of Cyprus, 4. Minister of Finance through the Attorney General of the Republic*** *(*Writ No. 4109/2013) (**(Dokti A u B** annessi mar-rikors odjern).

Jirrizulta mill-atti esebiti li s-socjeta` rikorrenti qed issostni li gew lezi l-jeddijiet taghha kif imharsa mill-Kostituzzjoni ta' Cipru, u mill-Art.1. Protocol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll tghid li s-socjeta` intimata kissret l-obbligazzjonijiet taghha kontrattwali meta approprijat il-fondi appartenenti lir-rikorrenti li kienu depozitati f'kontijiet bankarji. Ghalhekk qed tiimpunja r-*Resolution of Credit and Other Institutions Law* tal-2013, kif ukoll qed titlob diversi rimedji, fosthom li kwalsiasi riduzzjoni fil-kontijiet bankarji taghha titqies li hija kontra l-kostituzzjoni ta' Cipru u d-dispozizzjonijiet tal-

Art.1, Protocol 1 tal-ECHR, *oltre* talbiet ghar-risarciment tad-danni kontra l-konvenuti kollha fil-kawza ghall-ksur ta' obbligazzjonijiet kontrattwali, approprjazzjoni indebita u/jew frodi, u ghall-arrikkiment indebitu.

**Konsiderazzjoni ta' Dritt.**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista’ tkun ta’ hsara jew pregudizzju lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat. (**Art. 873 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**).

Billi l-ligi jehtieg li r-rikorrenti jissodisfa zewg kriterji biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat ta' Inibizzjoni: -

(i) L-ewwel kriterju li jrid jissodisfa hu li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu r-rikorrent ser isofri pregudizzju;

(ii) It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet. Hu assodat fil-gurisprudenza taghna li l-unika ezami li trid taghmel il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja. (Ara ***"Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut”*** P.A.(TM)-dec.5.06.2003).

Premess li dawn iz-zewg kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug tal-mandat. (Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12)- Ara – “***Mary Borg vs Il-Kummissarju tal-Artijiet”*** – P.A.(JRM) – Dec. 15 ta’ Dicembru 2008; “**The Golden Shephard Group Limited vs Enemalta Corporation”** (P.A. (RCP) – Dec. 17 ta’ Marzu 2009).

Premess ukoll li din hija mizura procedurali ta' natura eccezzjonali *("Grech proprio et nomine vs Manfre*" – A.C. – Dec.14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290), b'dan li jkun hemm il-biza li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrent jintilef ghal dejjem. (Ara wkoll "***40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar"*** (P.A. (RCP) - Dec. 2 ta' Novembru 2010).

*Inoltre* l-kriterji stabbiliti huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti m'huwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

## Applikazzjoni ghall-Kaz in Ezami

### Jedd '*Prima Facie*'

Applikati l-principji legali ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis li l-oppozizzjoni tas-socjeta` intimata m'ghandhiex tigi akkolta. M'huwiex il-kompitu f'dawn il-proceduri li jigi stabbilit jekk *Falcon Eye International Limited* tista' tirnexxi fil-proceduri li istitwiet quddiem il-Qrati ta' Cipru, bizzejjed li jirrizulta li *prima facie* ghandha jedd li jista' jigi kawtelat bil-mandat odjern.

L-abbli difensur tal-Bank intimat issottometta waqt it-trattazzjoni li d-drittijiet li gew vantati huma ta' natura

kostituzzjonali, u ghandhom jigu rivendikati kontra l-Istat u mhux kontra l-privat. F'dan l-isfond ir-rimedju ghandu jintalab mhux minghand il-Laiki Bank, izda mill-Istat. Ghaldaqstant sostna li wiehed mill-elementi mehtiega ghall-hrug ta' mandat hu karenti in kwantu li s-socjeta` rikorrenti m'ghandhiex jedd kontra l-Bank intimat imma, semmai, kontra l-Istat.

Izda in effetti *Falcon Eye International Limited* imxiet b'azzjoni diretta wkoll kontra l-Laiki Bank u l-amministratur specjali tal-Bank u mhux biss kontra l-Gvern Cipriot u l-Bank Centrali ta' Cipru kif jirrizulta ampjament mill-atti esebiti.

*Inoltre* fil-mori tal-proceduri giet esebita referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti Suprema ta' Cipru fil-kawza "***Christodoulou v Central Bank of Cyprus a.o. Case no. 551/2013 (and other consolidated cases)***" li kien jirrigwarda d-drittijiet tad-depozitanti fil-Laiki Bank u fil-Bank ta' Cipru. Din is-sentenza, li tohloq *binding precedent* fuq il-Qrati ta' Cipru, ordnat li d-depozitanti ma kellhomx ghalfejn jistitwixxu azzjoni quddiem il-Qorti Suprema biex jottjenu dikjarazzjoni ta' legalita' *o meno* ta' att amministrattiv qabel ma imxew quddiem il-Qrati ordinarji, imma setghu jmexxu il-kaz taghhom mill-ewwel direttament quddiem il-Qrati ordinarji. Il-Qorti elenkat diversi mizuri li ttiehdu mill-Gvern u mill-Bank li setghu jitpoggew fl-iskrutinju tal-Qrati fil-proceduri ordinarji. Irriteniet li :-

*"Where the debt/obligations of the bank towards its depositors are affected, the depositor should primarily turn towards the bank in any civil action, for its contractual default in repaying the deposit, with a possible claim against the Republic as having caused the breach of the contractual obligation by means of the Decree*".[2]

Mis-suespost jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti tiddisponi '*prima facie'* minn dritt ta' azzjoni diretta kontra l-Laiki Bank u ghalhekk issib li dan ir-rekwizit hu sodisfatt.

[2] Kopja tar-riferenza fit-tieni pagna tal-istess.

## Pregiudizzju Irrimedjabbli

Id-difensur tal-Laiki Bank sostna li s-socjeta` *Falcon Eye International Limited,* mhix ser tkun f'pozizzjoni zvantaggjata ghaliex ser tkun fl-istess sitwazzjoni bhall-kredituri fl-istess klassi daqslikieku l-Bank qed jigi likwidat. Jghid li permezz tal-azzjoni odjerna qed ifittxu trattament privileggjat in kwantu jippretendu li ghandhom jithallsu l-flus kollha li ttehdulhom a skapitu tal-kredituri l-ohra li huma fl-istess klassi ta' preferenza bhalhom. Il-Bank intimat isostni li x'aktarx huma d-depozitanti li, wara li jithallsu t-taxxi dovuti mill-Bank, ser jinghataw prijorita' fid-distribuzzjoni *pro rata* tal-kwalsiasi valur rimanenti mill-bejgh tal-assi li baqghu mizmumin fil-Laiki Bank.

Skont l-affidavit redatt mill-**Avukata Maria Ioannou**, esebit mis-socjeta` intimata[3], "*...both whilst under resolution and eventually when under liquidation - all assets will only be disposed of by the special administrator or by the liquidator as the case may be and all proceeds received will be distributed to the creditors of the Bank in accordance with the list of priorities...Any attempt to injunct any of the assets of the Cyprus Popular Bank Public Company Limited will delay the process unnecessarily with potential detrimental results for all other creditors.* ***In addition I would like to stress that there is no risk of the plaintiffs being unfairly prejudiced in any way since all proceeds from the disposal of the assets will be distributed in accordance with the ranking of priorities."****(emfasi tal-awtur tal-affidavit).*

Dan hu manifestament ikkontestat mill-abbli difensur ta' Falcon Eye International Limited ghall-diversi ragunijiet.

L-ewwel nett isostni li *Falcon Eye International Limited*, *qua* depozitant, m'huwiex kreditur semplici imma gawda minn relazzjoni kuntrattwali fiducjarja li giet tradita meta ttiehdu flusha b'azzjoni ingusta.

[3] A fol. 33 et.seq. tal-process.

Issostni wkoll il-*mala fede* da parti tal-Bank intimat, in kwantu li nsterqu flusha u gew mizapproprjati u per konsegwenza, l-azzjoni ta' tehid tal-flus ghandha titqies li hija nulla bl-applikazzjoni tal-principju *fraus omnia corrumpit.*

Dwar il-mizuri li ttiehdu fl-isfond kollu tal-Ligi li r-rikorrent qed jimpunja, il-Qorti tinnota li fis-sentenza tal-Qorti Suprema rapportata nsibu li :-

*"The Supreme Court included the following in an indicative list of possible matters that could be examined:*

*(a) The sale of the foreign branches of the banks at an undervalued price.*

*(b) The creation of new preferential creditors and the amendment of the priorities between creditors.*

*(c) The mandatory nature of the conversion of depositors funds into shares.*

*(d) The unequal treatment between depositors.*

*(e) The extent of the haircut of the BOC depositors as compared to what was really required for its capital adequacy prior to the resolution measures.*

*(f) The accuracy of the valuations of the assets of the two banks.*

*(g) Any prior responsibility of any local or European agency in bringing about or permitting the creation of the circumstances leading to the current situation and the failure to adequately protect secured depositors."*

Dan jindika li l-mizuri li ttiehdu jqajmu kwistjonijiet ta' irregolaritajiet kif ukoll ta' diskriminazzjoni bejn depozitanti li ghad iridu jigu investigati fil-forum approprjat. Jekk dawn ma jigux rizolti jista' ikun il-kaz li s-socjeta` rikorrenti tkun

f'pozizzjoni zvantaggjata fil-proceduri ta' rizoluzzjoni li ttiehdu taht il-Ligi impunjata.

Is-socjeta` rikorrenti issostni wkoll li "*If security is not upheld by the Maltese Courts the Special Administrator appointed by Laiki Bank will be in a position to proceed with the sale of the shares held in Lombard Bank and sizeable assets which would have been available to satisfy the Plaintiffs' judgment will have been lost.*"[4]

Difatti m'huwiex ikkontestat bejn il-partijiet li b'konsegwenza ta' dawn il-mizuri, dan l-eccess ser jintilef ghaliex ser jintuza biex jithallsu d-djun tal-Bank intimat. Fl-affidavit taghha, l-**Avukata Loannou** tghid li "*The current assets of the Cyprus Popular Bank Public Co Ltd are worth at least several hundred millions of Euros and this is quite considerable. One must bear in mind that the amount of unsecured deposit-holders being subjected to a compulsory haircut is approximately €4b.*"

**Ikkonsidrat** li l-proceduri ghar-rizoluzzjoni tal-Laiki Bank ghadhom m'humiex fil-fazi ta' *winding up* formali. Madanakollu huwa mistenni li l-Bank eventwalment ser jitqieghed formalment fi proceduri ta' stralc u r-rikavat mill-bejgh tal-assi rimanenti tal-Bank, (dawk li ma gewx trasferiti lill-Bank of Cyprus) ser jigi distribwit *pro rata* fost il-kredituri, inkluzi dawk id-depozitanti tal-istess Bank li ssubew il-*haircut measure*, u skont *ranking* li ghad irid jigi stabbilit.

**Ikkonsidrat** ukoll li l-bejgh tal-assi tal-bank bl-operat ta' amministratur specjali hija procedura mmirata ghall-konservazzjoni tal-valur ta' dawn l-assi fl-interess tal-kredituri kollha u li, bhala principju ebda kreditur m'ghandu jigi vantaggjat fi proceduri simili.

**Ikkonsidrat** izda li l-proceduri li huma l-mertu ta' dan ir-rikors huma l-effett ta' mizura straordinarja implementata mill-Gvern ta' Cipru u imposta fuq il-Bank intimat. Bhala konsegwenza, is-socjeta` rikorrenti qed tghid li soffriet in

[4] Affidavit tal-Avukat Zambartas

effett l-esproprijazzjoni forzata tal-fondi taghha minghajr kumpens u bi ksur tad-drittijiet kontrattwali u fondamentali taghha.

**Ikkonsidrat** li d-drittijiet li qed jigu vantati mis-socjeta` rikorrenti jmorru *oltre* s-semplici dritt ghar-rifuzjoni *pro rata* ta' kreditu f'kuntest ta' rizoluzzjoni u likwidazzjoni, imma jikkonsistu f'talbiet ghar-reintegrazzjoni tal-fondi depozitati, ghad-danni, u ghall-impunjazzjoni stess tal-Ligi li qeghdet il-Bank f'rizoluzzjoni.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-Qorti tqis li l-bejgh tal-ishma appartenenti lill-Bank intimata fil-Lombard Bank Malta p.l.c. jista' johloq pregudizzju irrimedjabbli ghar-rikorrenti in kwantu li r-rikavat ikollu jitqieghed u jigi konfuz mal-fondi amministrati mill-amministratur specjali sabiex jigu ripartiti fuq bazi *pro rata* bejn il-kredituri kollha, minghajr qies tal-jeddijiet pretizi mir-rikorrent ghar-rifuzjoni shiha ta' flusu. Kif osserva l-Avukat Zambartas fl-affidavit tieghu, "*It is highly unlikely that there will be sufficient assets to satisfy part or all of any judgment awarded to the Plaintiffs as the assets of the Laiki Bank will be dissipated during the 'winding up' process before the judgment can be enforced.*"

**Ikkonsidrat** li l-mandat odjern huwa ta' natura kawtelatorju, intiz biex jippreserva l-assi milquta sakemm il-kaz introdott fil-Qrati ta' Cipru jigi deciz definittivament. Jispetta lill-Qrati Cipriotti biex jiddeciedu jekk u kif ghandha tigi risarcita s-socjeta` rikorrenti, u l-preservazzjoni tal-ishma mhix ser tohloq ebda pregudizzju ghall-Bank intimat ghaliex l-assi ser jibqghu ntestati f'isem il-Bank sakemm ma jigix deciz mod iehor mill-Qorti kompetenti.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma li dan ir-rekwizit huwa wkoll sodisfatt.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mis-socjeta` rikorrenti u li wkoll jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u ghalhekk **tilqa' t-talba kif dedotta** ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

L-ispejjez tal-Mandat jithallsu mis-socjeta` intimata.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------